KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI JÄÄSKINEN

ippreżentati fis-16 ta' Settembru 2010[1]

1. Bid-domanda preliminari tagħha[2], ir-Rechtbank van eerste aanleg te Dendermonde (Qorti tal-Prim'Istanza ta' Termonde) (il-Belġju) qed titlob li jiġi interpretat l-Artikolu 1(1)(d) tad-Direttiva 2002/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Marzu 2002, li għandha x'taqsam mal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/61/KEE[3].

2. B'mod partikolari, hija talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tieħu deċiżjoni dwar miżuri nazzjonali kontra l-manipulazzjoni tal-vetturi b'żewġ roti jew bi tlieta. Fil-fatt, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni tipprojbixxi, b'mod partikolari, il-kummerċjalizzazzjoni u l-użu ta' tagħmir li jkollu l-għan li jżid is-saħħa tal-magna u/jew il-veloċità taċ-ċiklomuturi (mopeds). B'hekk, il-qorti tal-Ġustizzja qed tiġi mistiedna teżamina l-kwistjoni jekk, u, jekk ikun il-każ, sa liema punt, tagħmir li l-għan tiegħu huwa li jneħħi l-mekkaniżmu li jirrestrinġi l-veloċità u s-saħħa tal-magna ta' ċiklomutur lil hinn mill-ispeċifikazzjonijiet tekniċi previsti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jistax ikun kopert mill-moviment liberu tal-merkanzija ggarantit mid-dritt tal-Unjoni.

3. Għandu jiġi osservat, għall-finijiet ta' dawn il-konklużjonijiet, li d-definizzjoni ta' "ċiklomutur" fis-sens tad-Direttiva 2002/24 tikkostitwixxi kunċett awtonomu u mhux ambigwu tad-dritt tal-Unjoni. Skont id-dritt sekondarju, kwalunkwe vettura ppreżentata bħala ċiklomutur iżda li ma tikkorrispondix għal dik id-definizzjoni b'hekk tikkostitwixxi "nonċiklomutur".

I — Il-kuntest ġuridiku

A — *Id-dritt tal-Unjoni*

4. Id-Direttiva 2002/24 irrevokat id-Direttiva tal-Kunsill 92/61/KEE, tat-30 ta' Ġunju 1992, li għandha x'taqsam mal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta [traduzzjoni mhux uffiċjali] (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 92/61")[4].

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — Sa fejn il-kawża prinċipali tirrigwarda l-applikazzjoni ta' liġi nazzjonali li ġiet adottata fl-1985, ir-referenzi għad-dispożizzjonijiet tat-Trattat KE jsegwu l-enumerazzjoni applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar il-funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

3 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Volum 29, p. 399.

4 — ĠU L 225, p. 72

5. Skont il-premessa 6 tad-Direttiva 2002/24, il-proċedura ta' approvazzjoni skont it-tip tal-vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta hija maħsuba sabiex kull Stat Membru jkun jista' jikkonferma li kull tip ta' vettura tkun għaddiet mill-kontrolli previsti fid-direttivi separati u tingħatalha ċertifikat ta' approvazzjoni skont it-tip.

6. L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2002/24 jipprovdi dan li ġej:

"1. Din id-Direttiva tapplika għall-vetturi kollha vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta, kemm jekk rota doppja jew xort' oħra, maħsuba għall-ivvjaġġar fit-triq, u għall-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati ta' dawn il-vetturi.

Din id-Direttiva ma tapplikax għall-vetturi li ġejjin:

[…];

d) vetturi maħsuba għal użu f'kompetizzjoni, fit-toroq jew f'kondizzjonijiet off-road;

[…];

lanqas għall-komponenti jew l-unitajiet tekniċi tagħhom sakemm ma jkunux maħsuba sabiex jiġu armati ma' vetturi koperti b'din id-Direttiva.

[…]"

7. L-Artikolu 4 tal-imsemmija direttiva jipprevedi dan li ġej:

"1. Kull Stat Membru għandu jagħti approvazzjoni tat-tip lit-tipi kollha ta' vetturi, sistemi, unitajiet tekniċi separati jew komponenti jekk dawn jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

[…]

b) is-sistema, l-unità teknika separata jew il-komponent jissodisfaw il-ħtiġiet tekniċi tad-direttiva separata rilevanti u hi kif deskritt mill-manifattur skond id-data prevista fil-lista kompleta stabbilita fl-Anness I.

[…]"

8. Skont l-Artikolu 15 ta' din l-istess direttiva, inkluż fil-Kapitolu III, intitolat "Kondizzjonijiet marbuta ma' moviment liberu, arranġamenti provviżorji, eżenzjonijiet u proċeduri alternattivi":

"1. Stati Membri m'għandhomx jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq, il-bejgħ, id-dħul fis-servizz jew l-użu ta' vetturi ġodda li jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Biss vetturi li jikkonformaw ma' din id-Direttiva jistgħu jiġu ppreżentati għal reġistrazzjoni inizjali.

2. Stati Membri m'għandhomx jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq, il-bejgħ jew l-użu ta'

unitajiet tekniċi separati jew komponenti ġodda li jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Biss unitajiet tekniċi separati u komponenti li jikkonformaw ma' din id-Direttiva jistgħu jitqiegħdu fis-suq u jinbiegħu għall-ewwel darba għal użu fl-Istati Membri.

dawn l-Istati Membri għandhom jiddeċiedu jekk jaċċettawx l-approvazzjoni tat-tip għal vetturi li għandhom jiġ rreġistrati fit-territorju tagħhom. Iċ-ċertifikat ta' din l-approvazzjoni tat-tip ma jistax ikollu l-intestatura 'ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE';

3. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2:

[…]

a) Stati Membri jistgħu jeżentaw vetturi, sistemi, unitajiet tekniċi separati u komponenti maħsuba:

4. Din id-Direttiva m'għandhiex teffettwa d-dritt ta' l-Istati Membri li jistabilixxu — skond it-Trattat- il-ħtiġiet li huma jikkunsidraw neċessarji sabiex tiġi assigurata l-protezzjoni ta' l-utenti waqt l-użu tal-vetturi in kwistjoni, sakemm dan ma jinvolvix modifika lil dawn il-vetturi."

i) jew għall-produzzjoni f'serje żgħira sa massimu ta' 200 unità fis-sena għal kull tip ta' vettura, għal kull sistema, għal kull komponent jew għal kull unità teknika separata;

ii) jew għall-forzi armati, aġenziji ta' l-infurzar tal-liġi, servizzi għad-difiża ċivili, il-korpi għat-tifi tan-narjew il-korpi għax-xogħolijiet pubbliċi, minn konformità ma' kwalunkwe mill-ħtiġiet tad-direttivi separati.

9. Il-parti 2 tal-Anness II għad-Direttiva 2002/24 tirreferi, għal ċerti karatteristiċi tekniċi tas-sistemi, tal-komponenti u tal-unitajiet tekniċi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha, għad-direttivi separati li jistabbilixxu r-rekwiżiti tekniċi meħtieġa biex ikunu koperti mill-proċedura ta' approvazzjoni skont it-tip.

L-Istati Membri l-oħra għandhom ikunu nfurmati b'dawn l-eżenzjonijiet fi żmien xahar minn meta jingħataw. Fi żmien tlett xhur

10. Skont il-premessa 3 tad-Direttiva 97/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-17 ta' Ġunju 1997, dwar ċerti komponenti

u karatteristiċi ta' vetturi ta' żewġ jew tliet roti b'mutur (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 97/24") [5]:

"hemm il-ħtieġa għat-twaqqif ta' ħtiġiet armonizzati li jikkonċernaw dawk il-komponenti u l-karatteristiċi ta' vetturi ta' żewġ jew tlett roti b'mutur sabiex ikunu mplimentati l-proċeduri ta' l-approvazzjoni tat-tip u approvazzjoni tat-tip ta' komponenti koperti bid-Direttiva tal-Kunsill 92/61/KEE tat-30 ta' Ġunju 1992 li għandha x'taqsam ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi ta' żewġ jew tlett roti fir-rigward ta' kull tip ta' vettura msemmi qabel".

11. Il-Kapitolu 7 tal-anness tad-Direttiva 97/24, intitolat "Miżuri kontra t-tbagħbis għal mopeds [manipulazzjoni ta' ċiklomuturi] u motoċikli [muturi] ta' żewġ roti", speċifikatament fil-punt 1, jinkludi d-definizzjonijiet li ġejjin:

"1. [Għal]l-għanijiet ta' dan il-Kapitolu

1.1. 'Miżuri kontra t-tbagħbis għal mopeds [manipulazzjoni ta' ċikolomuturi] u motoċikli [muturi]' tfisser serje ta' ħtiġiet u speċifikazzjonijiet tekniċi li l-għan tagħhom ikun li kemm jista' jkun ma jħallux, modifikazzjonijiet mhux awtorizzati li jistgħu jkunu ta' preġudizzju għas-sigurtà, b'mod partikolari billi jiġi miżjud ir-rendiment tal-vettura, u jħassar l-ambjent;

[…]

1.3.1. Vetturi ta' kategorija A — mopeds [ċiklomuturi],

[…]

1.4. 'Modifikazzjoni mhux awtorizzata', tfisser modifikazzjoni li ma tkunx permessa minn dan il-Kapitolu".

12. Il-punt 2 tal-Kapitolu 7 tal-anness tad-Direttiva 97/24 jinkludi, b'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-bdil ta' partijiet ma' partijiet oħra li ma jkunux identiċi bejn vetturi li ngħataw l-approvazzjoni skont it-tip. Mill-punt 2.1.1.(b) tal-kapitolu 7 jirriżulta li fl-ebda każ ma tista' tinqabeż il-veloċità massima mfassla tal-vettura jew is-saħħa netta massima tal-magna tal-kategorija rilevanti. B'mod partikolari, għaċ-ċiklomuturi ta' rendiment baxx li hemm riferiment għalihom fin-Nota fl-Anness I għad-Direttiva 92/61, il-veloċità massima mfassla għandha tkun ta' 25 km/s.

13. Il-punt 3 tal-Kapitolu 7 tal-anness tad-Direttiva 97/24 dwar ir-rekwiżiti speċifiċi għal vetturi f'kategoriji A u B, jipprevedi dan li ġej:

"Il-ħtiġiet f'din is-sezzjoni ma humiex obbligatorji sakemm ħtieġa waħda jew kombinazzjoni ta' ħtiġiet jiġu meqjusin

5 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 3, p. 34.

meħtieġa sabiex ma jħallux tbagħbis [manipulazzjoni] li jirriżulta f'żjieda tal-veloċità massima mfassla tal-vettura b'aktar minn 5 km/h fil-każ ta' vetturi ta' kategorija A […]. Il-veloċità massima mfassla tal-vettura jew is-saħħa massima netta tal-magna tal-kategorija rilevanti, fl-ebda każ ma tista' tkun maqbuża."

B — *Il-leġiżlazzjoni nazzjonali*

14. L-Artikolu 1(5) tal-Liġi, tal-21 ta' Ġunju 1985, dwar il-kundizzjonijiet tekniċi li trid tissodisfa kull vettura ta' trasport fuq l-art, il-komponenti tagħha kif ukoll l-aċċessorji tas-sigurezza (iktar 'il quddiem il-"liġi dwar il-kundizzjonijiet tekniċi")[6] jipprovdi li:

"Il-manifattura, l-importazzjoni, iż-żamma għal finijiet ta' bejgħ, l-offerta għall-bejgħ, il-bejgħ u d-distribuzzjoni bla ħlas ta' tagħmir intiż li jżid is-saħħa tal-magna u/jew il-veloċità taċ-ċiklomuturi għandhom ikunu pprojbiti, kif ukoll l-offerta ta' servizzi jew l-għoti ta' indikazzjonijiet għall-armar ta' dan it-tagħmir."

6 — *Moniteur belge* tat-13 ta' Awwissu 1985, p. 11647.

II — Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-domanda preliminari

15. V.W. Lahousse huwa l-maniġer diriġenti tal-kumpannija Lavichy BVBA (iktar 'il quddiem indikati b'mod konġunt bħala il-"konvenuti") li l-għan tagħha huwa "l-ġestjoni ta' ħanut tar-roti u garaxx, inklużi l-importazzjoni u l-esportazzjoni, ix-xiri u l-bejgħ, il-kiri, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' kwalunkwe rota u ċiklomutur, l-aċċessorji tagħhom u l-ispare parts, kemm ġodda kif ukoll użati". Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-konvenuti kellhom fil-pussess tagħhom u kienu jbiegħu tagħmir biex jitneħħa l-mekkaniżmu li jirrestriġi l-veloċità jew is-saħħa tal-magna, li kienu jawtorizzaw it-tneħħija tal-mekkaniżmu li jirrestriġi l-veloċità jew is-saħħa tal-magna taċ-ċiklomuturi u kienu jipprovdi wkoll struzzjonijiet dwar dan is-suġġett.

16. Wara investigazzjoni, tfittxija u konfiska tal-provi inkriminanti, il-konvenuti nstabu ħatja mill-Politierechtbank te Sint-Niklaas (it-Tribunal tal-Pulizija ta' Sint-Niklaas) li kisru l-Artikolu 1(5) tal-liġi dwar il-kundizzjonijiet tekniċi, inkwantu mmanifatturaw, importaw, żammew għal finijiet ta' bejgħ, offrew għall-bejgħ, biegħu jew iddistribwew bla ħlas tagħmir intiż li jżid is-saħħa tal-magna u/jew il-veloċità taċ-ċiklomuturi kif ukoll offrew servizzi f'dan is-sens.

17. Il-konvenuti appellaw din is-sentenza quddiem il-qorti tar-rinviju.

18. Din, billi kkunsidrat li kien hemm kontradizzjoni potenzjali bejn l-Artikolu 1(5) tal-liġi dwar il-kundizzjonijiet tekniċi u d-Direttiva 2002/24, iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domanda preliminari li ġejja lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"Id-Direttiva 2002/24, b'mod partikolari, l-Artikolu 1(1)(d) tagħha, li jipprovdi li d-direttiva ma tapplikax għal vetturi maħsuba għal użu f'kompetizzjonijiet, fit-toroq jew f'kundizzjonijiet off-road, għandha tiġi interpretata fis-sens li tippermetti lill-Istati Membri jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tagħha, u għalhekk li jipprovdu li din tapplika għat-traffiku kollu fuq l-art (jiġifieri l-użu ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta anki barra mit-toroq jew fuq art privata) mingħajr ma jawtorizzaw l-eċċezzjoni fir-rigward ta' vetturi maħsuba għal użu f'kompetizzjoni, fit-toroq (tlielaq) jew f'kundizzjonijiet off-road?"

III — Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

19. It-talba għal deċiżjoni preliminari ġiet irreġistrata fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-22 ta' April 2009.

20. V.W. Lahousse, il-gvernijiet tal-Belġju u tar-Renju Unit kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea lkoll ippreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub.

21. B'ittra tas-17 ta' Mejju 2010, ir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja stieden lill-Gvern Belġjan u lill-Kummissjoni biex jirrispondu għal domanda dwar il-Kapitolu 7 tal-anness tad-Direttiva 97/24. Il-partijiet imsemmija iktar 'il fuq ippreżentaw ir-risposti tagħhom fl-1 ta' Ġunju 2010.

IV — Il-kunsiderazzjonijiet ġenerali

A — *Osservazzjonijiet preliminari fuq id-domanda preliminari*

22. Bid-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju trid tistabbilixxi jekk Stat Membru jistax jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/24, fis-sens li hija ssir applikabbli għal vetturi li huma espressament eskluži minnu. Fil-fatt, it-tkabbir tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/24 għall-vetturi maħsuba għal użu f'kompetizzjoni fit-toroq jew f'kundizzjonijiet off-road kieku jwassal biex dawn jiġi kkunsidrati bħala li jaqgħu taħt il-proċedura armonizzata ta' approvazzjoni skont it-tip.

23. Madankollu, il-qorti nazzjonali ma tippreċiżax jekk it-tagħmir jew il-vetturi li huma inkwistjoni fil-kawża prinċipali humiex maħsuba għal użu f'kompetizzjoni jew għal klijentela li tixtieq iżżid is-saħħa tal-magna u/jew il-veloċità taċ-ċiklomuturi sabiex dawn

ikunu jistgħu jivvjaġġaw fit-triq. Madankollu, jidhirli li din hija kwistjoni ta' fatt *ad hoc* li ma għandhiex taffetwa l-ammissibbiltà tar-rinviju għal deċiżjoni preliminari.

24. Barra minn hekk, il-qorti nazzjonali ssostni li hija għamlet domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tikseb kjarifiki dwar il-kunċett ta' "trasport fuq l-art". Issa dan il-kunċett jappartjeni lil-Liġi Belġjana dwar il-kundizzjonijiet tekniċi li ma għandhiex tkun il-Qorti tal-Ġustizzja li tinterpretaha. Fil-fatt, għandu jitfakkar li d-Direttiva 2002/24 għandha tiġi applikata biss għall-vetturi maħsuba biex jivvjaġġaw "fit-triq" kif ukoll għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi tagħhom.

25. Konsegwentement, għandu jiġi mistħarreġ jekk leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali taqax fil-kuntest tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/24, u jekk dan ma huwiex il-każ, liema huma r-regoli tad-dritt tal-Unjoni li l-Istat Membru għandu josserva.

26. Barra minn hekk, fir-rigward tal-argument tal-Gvern Belġjan li l-Artikolu 1(5) tal-liġi dwar il-kundizzjonijiet tekniċi ġie stabbilit sabiex tiżgura protezzjoni aħjar tal-utenti, bħala reazzjoni għall-perikoli marbuta maż-żieda fil-veloċità u/jew fis-saħħa tal-magna tal-vetturi kkonċernati, għandu jsir riferiment ukoll għall-Kapitolu 7 tal-anness tad-Direttiva 97/24 li jirregola, b'mod partikolari, il-problema tal-miżuri meħuda kontra l-manipulazzjoni taċ-ċiklomuturi.

27. Fejn għandu x'jaqsam l-aspett temporali tal-kawża li tressqet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, mid-digriet tar-rinviju jirriżulta li l-allegati fatti jikkonċernaw il-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2002 u s-7 ta' Diċembru 2005, biż-żewġ dati inklużi.

28. Billi dan il-perijodu kien preċedenti għall-adozzjoni tad-Direttiva 2002/24, huwa stabbilit li għall-fatti tal-kawża prinċipali hija applikabbli d-Direttiva 92/61. Peress li l-kunċetti effettivi fil-kuntest ta' din il-kawża essenzjalment baqgħu l-istess fiż-żewġ direttivi, nikkunsidra li l-interpretazzjoni mogħtija fejn għandha x'taqsam id-Direttiva 2002/24 hija applikabbli *mutatis mutandis* għall-interpretazzjoni tad-Direttiva 92/61.

B — *Fuq id-dispożizzjonijiet li jirregolaw is-settur tal-vetturi b'żewġ roti jew bi tlieta*

1. L-għanijiet u l-grad ta' armonizzazzjoni tad-Direttiva 2002/24

29. Fil-kuntest tal-adozzjoni tal-miżuri maħsuba sabiex jiżguraw il-funzjonament

tas-suq intern, numru ta' direttivi jirregolaw il-kwistjoni tar-rekwiżiti li għandhom jissodisfaw il-komponenti u l-karatteristiċi tal-vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta. Għal dan il-għan ġew addottati Direttiva Qafas [7] u diversi direttivi tekniċi [8].

30. Kif jirriżulta mit-tmien premessa tad-Direttiva 92/61, peress li r-rekwiżiti tekniċi armonizzati applikabbli għall-komponenti u għall-karatteristiċi differenti tal-vetturi huma miġbura f'direttivi separati, il-kontroll tal-osservanza ta' dawn ir-rekwiżiti kif ukoll ir-rikonoxximent minn kull Stat Membru tal-kontroll li sar mill-Istati Membri l-oħra jeħtieġu l-implementazzjoni ta' proċedura ta' approvazzjoni tat-tip Komunitarja għal kull tip ta' vettura.

31. Id-Direttiva 2002/24 hija intiża li tarmonizza l-proċedura ta' approvazzjoni tat-tip skont it-tip ta' vettura bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Hija tapplika wkoll għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati li huma konformi mar-rekwiżiti tekniċi stipulati fid-direttivi separati. L-Anness I għad-Direttiva 2002/24 jinkludi lista kompleta ta' rekwiżiti għall-iskop ta' approvazzjoni tat-tip ta' vettura. Il-punt 19 tal-Anness I jirreferi għad-Direttiva 97/24 fir-rigward tal-miżuri kontra l-manipulazzjoni taċ-ċiklomuturi u tal-muturi.

32. Il-proċedura ta' approvazzjoni skont it-tip għall-vetturi koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/24 għandha l-għan li tiżgura l-funzjonament tajjeb tas-suq uniku bl-introduzzjoni ta' rekwiżiti uniformi li għandhom jiġu osservati sabiex tingħata l-approvazzjoni tat-tip ta' vettura kif ukoll l-approvazzjoni tat-tip tal-komponenti u l-karatteristiċi tagħha [9].

33. Il-proċedura msemmija iktar 'il fuq tagħti l-possibbiltà li kull Stat Membru jikkonstata li kull tip ta' vettura ġiet suġġetta għall-verifiki previsti mid-direttivi separati u indikati f'ċertifikat ta' approvazzjoni. Hija tagħti wkoll il-possibbiltà li l-kostrutturi jistabbilixxu ċertifikat ta' konformità għall-vetturi kollha li jkunu konformi ma' tip approvat. Meta vettura tkun akkumpanjata minn dan iċ-ċertifikat, din tista' titqiegħed fis-suq, tinbiegħ u tiġi rreġistrata sabiex tintuża fit-territorju kollu tal-Unjoni.

34. Wara l-istabbiliment tal-approvazzjoni skont it-tip armonizzata fl-Unjoni Ewropea, ċittadin jista' jixtri vettura ġdida fi kwalunkwe Stat Membru u, jekk ikun il-każ, jirreġistraha mingħajr approvazzjoni tat-tip individwali

7 — Direttiva 92/61, irrevokata bid-Direttiva 2002/24.

8 — Bejn l-1992 u l-2009, ġew adottati 37 direttiva li jirregolaw il-vetturi b'żewġ roti jew bi tlieta u l-kwadriċikli. Ara s-sit internet tad-Direttorat Ġenerali għall-Intrapriża u l-Industrija tal-Kummissjoni: http://ec.europa.eu/enterprise/sectors/automotive/documents/directives/motorbikes/index_en.htm.

9 — Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/61/KEE li għandha x'taqsam mal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta [traduzzjoni mhux uffiċjali], COM (1999) 276 finali (ĠU C 307E, p. 1).

fi kwalunwke Stat Membru ieħor. Dawk il-vetturi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati li jkunu konformi mar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni biss jistgħu jitqiegħdu fis-suq u jinbiegħu għall-ewwel darba sabiex jintużaw fl-Istati Membri.

35. L-approvazzjoni skont it-tip għandha l-konsegwenza li Stat Membru ma jistax jipprojbixxi t-tqegħid fis-suq, id-dħul fis-servizz jew l-użu ta' vetturi u ta' komponenti li jkunu konformi mad-Direttiva 2002/24. Konsegwentement, il-proċedura ta' approvazzjoni skont it-tip ma hijiex applikabbli fir-rigward tal-vetturi singoli, fis-sens tal-imsemmija direttiva [10].

36. Id-Direttiva 92/61, issa rrevokata, tinkludi indikazzjoni dwar in-natura tal-armonizzazzjoni prevista fil-qasam inkwistjoni. Skont l-aħħar premessa tad-Direttiva 92/61, ir-rekwiżiti tas-sigurtà fit-toroq, tal-ħarsien tal-ambjent u tal-protezzjoni tal-konsumaturi jeżiġu rekwiżiti ta' kostruzzjoni u ta' manifattura ta' livell għoli. Peress li dawn ir-rekwiżiti huma intiżi biex jiżguraw l-unità tas-suq, jeħtieġ li jkunu bbażati fuq armonizzazzjoni totali.

37. Sa fejn indikazzjoni simili ma ġietx ripetuta fid-Direttiva 2002/24, wieħed jista' jistaqsi x'inhi l-portata tal-armonizzazzjoni prevista minnha.

38. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li l-proposta biex tiġi emendata d-Direttiva 92/61 tindika espressament li l-proċedura ta' approvazzjoni tat-tip Komunitarja għall-vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta nħolqot skont sistema ta' armonizzazzjoni totali [11]. Issa, mill-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali jirriżulta li l-imsemmija proposta ġiet adottata sabiex id-Direttiva 92/61 [12] tiġi aġġornata u ċċarata.

39. Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li l-proposta kienet immotivata, fost l-oħrajn, bil-ħtieġa li jiġu ċċarati r-rekwiżiti relatati, b'mod partikolari, mat-terminu ta' validità tal-approvazzjonijiet tat-tip nazzjonali, kif ukoll biex jiġu inklużi rekwiżiti ġodda, fejn għandhom x'jaqsmu, pereżempju, l-enumerazzjoni taċ-ċertifikati ta' approvazzjoni tat-tip, l-eżenzjonijiet għal vetturi tal-aħħar tas-serje u għat-teknoloġiji

10 — Huwa minnu li d-Direttiva 2002/24 ma tagħtix definizzjoni tal-kunċett ta' "vettura singola". Madankollu, fid-dawl tal-għan tal-imsemmija direttiva u tal-kontenut tagħha, il-kunċett ta' "vettura singola" għandu jiġi interpretat bħala li jipprekludi vetturi li jaqgħu fil-proċedura tal-approvazzjoni tat-tip, u bħala li jirreferi għall-vetturi individwali li l-karatteristiċi tagħhom ma jippermettux li jiġu inklużi fis-sistema ta' approvazzjoni skont it-tip prevista minn din id-direttiva.

11 — COM (1999) 276 finali.

12 — Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali dwar il-"Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/61/KEE li għandha x'taqsam mal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta" [traduzzjoni mhux uffiċjali] (ĠU C 368 tal-20 ta' Diċembru 1999, p. 1).

l-ġodda, l-istess kif jiġri diġà għal vetturi oħrajn bil-mutur [13].

40. Konsegwentement, għandu jiġi kkunsidrat li d-Direttiva 2002/24 hija dejjem intiża li tilħaq armonizzazzjoni kompleta fir-rigward tal-vetturi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Min-naħa l-oħra, huwa ovvju li din ma tarmonizzax kompletament is-sistema legali applikabbli għall-vetturi b'żewġ roti jew bi tlieta kollha, meta tittieħed partikolarment inkunsiderazzjoni l-esklużjoni ta' ċerti tipi ta' vetturi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha [14].

41. B'hekk, meta vettura, komponent jew unità teknika taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/24, din għandha tiġi eżaminata esklużivament mill-perspettiva ta' din tal-aħħar. Fil-fatt, meta domanda tkun is-suġġett ta' armonizzazzjoni f'livell tal-Unjoni, il-miżuri nazzjonali relatati magħha għandhom ikunu evalwati fir-rigward tad-dispożizzjonijiet ta' din il-miżura ta' armonizzazzjoni u mhux ta' dawk tat-Trattat [15].

42. Min-naħa l-oħra, fejn għandhom x'jaqsmu l-vetturi li huma espressament esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/24, bħall-vetturi maħsuba għal użu f'kompetizzjoni jew il-vetturi li ma humiex maħsuba għall-ivvjaġġar fit-triq, nikkunsidra li l-Istati Membri għandhom marġni wiesa' ta' diskrezzjoni sabiex jadottaw leġiżlazzjoni dwar dan il-qasam.

2. Il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/24

43. Skont l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2002/24, din id-direttiva tapplika għall-vetturi kollha bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta, kemm jekk b'rota doppja jew xort'oħra, maħsuba għall-ivvjaġġar fit-triq, u għall-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati ta' dawn il-vetturi.

44. Huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/24 il-vetturi elenkati fl-Artikolu 1(a) sa (h), fosthom il-vetturi maħsuba għal użu f'kompetizzjoni, fit-toroq jew f'kundizzjonijiet off-road. Bl-istess

13 — Ara l-premessa 4 tad-Direttiva 2002/24.

14 — Ara l-Artikolu 15(4) tad-Direttiva 2002/24, fejn jirriżulta li l-kundizzjonijiet għall-użu tal-vetturi inkwistjoni ma humiex armonizzati.

15 — Ara s-sentenzi tat-30 ta' Novembru 1983, van Bennekom (227/82, Ġabra p. 3883, punt 35); tat-23 ta' Novembru 1989, Eau de Cologne & Parfümerie-Fabrik 4711 (C-150/88, Ġabra p. 3891, punt 28); tat-12 ta' Ottubru 1993, Vanacker u Lesage (C-37/92, Ġabra p. I-4947, punt 9); tat-13 ta' Diċembru 2001, DaimlerChrysler (C-324/99, Ġabra p. I-9897, punt 32); tad-9 ta' Ġunju 2005, HLH Warenvertrieb u Orthica (C-211/03, C-299/03 u C-316/03 sa C-318/03, Ġabra p. I-5141, punti 58 u 59), kif ukoll tal-24 ta' Jannar 2008, Roby Profumi (C-257/06, Ġabra p. I-189, punt 14).

mod, id-definizzjoni ġenerali tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2002/24 teskludi *a contrario* mill-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija direttiva l-vetturi li ma humiex maħsuba għall-ivvjaġġar fit-triq.

45. Fir-rigward tal-komponenti jew tal-unitajiet tekniċi separati tal-vetturi li huma kkunsidrati bħala li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/24, għandha ssir distinzjoni bejn żewġ każijiet.

46. Minn naħa, id-Direttiva 2002/24 ma hijiex applikabbli għall-partijiet li jagħmlu parti minn vetturi li ma humiex koperti minn din tal-aħħar. Min-naħa l-oħra, meta komponent ta' vettura eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/24 huwa maħsub biex jintrama fuq il-vetturi koperti minn din id-direttiva, dan il-komponent jew din l-unità teknika separata jaqa' taħt id-Direttiva 2002/24.

47. Għaldaqstant, tqum il-kwistjoni kif għandu jiġi interpretat il-kunċett ta' "destinazzjoni", jiġifieri jekk l-applikabbiltà tad-Direttiva 2002/24 tistax tiddependi mill-użu li jista' jsir mill-parti inkwistjoni.

48. F'dan ir-rigward, nikkunsidra li l-kunċett ta' "destinazzjoni" ta' vettura jew ta' komponent ta' vettura għandu jinftiehem fis-sens tal-għan industrijali ta' dan il-prodott. Bl-aħħar kunċett, qed nirreferi għall-użu previst mill-kostruttur bħala punt ta' referenza fid-disinn tekniku ta' vettura, referenza li tiddetermina, pereżempju, ir-regoli tekniċi li magħhom għandha tkun konformi l-vettura. Id-destinazzjoni b'hekk tiġi ddefinita mill-kostruttur jew mill-manifattur waqt il-proċess ta' kostruzzjoni jew ta' manifattura [16].

49. L-interpretazzjoni kuntrarja kieku tagħti lok għal sitwazzjoni paradossali, fejn il-leġiżlazzjoni jkollha tieħu inkunsiderazzjoni l-użi possibbli u ipotetiċi kollha li utent jista' jagħmel minn parti minn vettura, jiġifieri anki minn partijiet tekniċi li, fil-ħsieb tal-kostruttur, ma humiex maħsuba għal ċerti vetturi, iżda li għandhom kwalitajiet li jippermettu il-bdil ta' partijiet ma' partijiet oħrajn [17].

50. Konsegwentement, l-applikabbiltà tad-Direttiva 2002/24 ma tistax tiddependi minn element suġġettiv, jiġifieri, min-naħa waħda, l-użu, jew aħjar in-numru ta' użi, li jista' jsir minn komponent u, mill-oħra, adattabbiltà teknika eventwali ta' parti biex tintrama fuq vettura oħra għajr dik li tkun formalment maħsuba għaliha.

16 — Skont is-sistema ta' armonizzazzjoni teknika, il-kostrutturi jistgħu jiksbu l-approvazzjoni tat-tip Komunitarja għal tip ta' vettura fi Stat Membru, sakemm ikunu sodisfatti r-rekwiżiti tekniċi armonizzati. Sussegwentement, huma jistgħu jikkummerċjalizzaw dik it-tip ta' vettura fl-Unjoni Ewropea kollha, mingħajr ma jkollhom jagħmlu testijiet jew ikunu suġġetti għal kontrolli addizzjonali. Ir-reġistrazzjoni tingħata sempliċement billi jiġi ppreżentat ċertifikat ta' konformità Ewropew: Ara: http://ec.europa.eu/enterprise/sectors/automotive/technical-harmonisation/index_fr.htm

17 — Bħal, pereżempju, partijiet ta' magni two-stroke li jistgħu jintużaw fuq magni żgħar, bħall-magni għall-kura tal-ġonna jew dgħajjes.

51. Fl-aħħar nett, l-esklużjoni tal-vetturi singoli mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/24 jidhirli li hija partikolarment sinjifikattiva għall-finijiet ta' din il-proċedura.

52. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li l-kunċett ta' "nonċiklomutur" ikopri, fil-kuntest ta' dawn il-konklużjonijiet, minnaħa waħda, ċiklomutur, li qabel kien konformi mad-Direttiva 2002/24 li kien suġġett għal manipulazzjoni bħat-tneħħija tal-mekkaniżmu li jirrestriġi l-veloċità jew is-saħħa tal-magna, biex b'hekk ma baqax iktar konformi mar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-imsemmija direttiva u, min-naħa l-oħra, vettura b'żewġ roti jew bi tlieta ppreżentata bħala ċiklomutur iżda li, mill-bidu nett, ma kinitx tikkorrispondi għad-definizzjoni ta' ċiklomutur stabbilita mid-Direttiva 2002/24.

53. Skont id-diċitura tal-Artikolu 1(1) *in fine* tal-imsemmija direttiva, wieħed jista' jikkunsidra li ċiklomutur li tneħħielu l-mekkaniżmu li jirrestriġi l-veloċità jew is-saħħa tal-magna ma huwiex kopert mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/24 dwar l-approvazzjoni skont it-tip u dwar il-moviment liberu, min-naħa waħda, għaliex huwa "nonċiklomutur" u, mill-oħra, għaliex huwa vettura singola.

54. Madankollu, kif jirriżulta mill-Artikolu 1 *in fine* tad-Direttiva 2002/24, l-Istati Membri li jwettqu l-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi singoli jaċċettaw kull approvazzjoni tat-tip tal-komponenti u tal-unitajiet tekniċi separati mogħtija skont din id-direttiva u mhux skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar dan il-qasam.

C — *Leġiżlazzjoni li tipprovdi miżuri kontra l-manipulazzjoni tal-vetturi*

1. Osservazzjonijiet preliminari

55. Id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 97/24 ippermetta li tiġi applikata l-proċedura ta' applikazzjoni tat-tip kompluta. B'hekk hija tikkostitwixxi waħda mid-direttivi separati għall-finijiet tal-proċedura ta' approvazzjoni tat-tip stabbilita mid-Direttiva 2002/24 [18].

56. F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li l-kampijiet ta' applikazzjoni rispettivi tad-Direttivi 2002/24 u 97/24 jikkoinċidu mingħajr mhuma identiċi.

57. Fil-fatt, l-Artikolu 1 tad-Direttiva 97/24 jipprovdi li din id-direttiva għandha tapplika għall-komponenti, elenkati fl-imsemmi artikolu, ta' kwalunkwe tip ta' vettura kif ġiet iddefinita fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 92/61.

18 — Id-Direttiva 97/24 kienet adottata sabiex tiġi timplementata d-Direttiva 92/61. Ara l-premessa 3 tad-Direttiva 2002/24.

Issa, dan l-artikolu tal-aħħar ġie ripetut f'termini kważi identiċi fid-Direttiva 2002/24 li kulma għamlet kien li żiedet kategorija ta' esklużjoni ġdida fir-rigward tal-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi singoli [19].

2. Miżuri kontra l-manipulazzjoni fid-dritt sekondarju

58. Il-problema tal-miżuri li huma maħsuba li jiġġieldu l-manipulazzjoni tal-vetturi hija parti integrali mil-leġiżlazzjoni dwar iċ-ċiklomuturi u l-muturi.

59. Mill-espożizzjoni tal-motivi tad-Direttiva 97/24 jirriżulta li l-miżuri proposti sabiex ikunu limitati għal livell minimu l-possibbiltajiet ta' manipulazzjoni taċ-ċiklomuturi u tal-muturi mill-utenti biex iżidu r-rendiment tagħhom jissodisfaw rekwiżiti li qed jinħassu dejjem iktar fl-Istati Membri kollha, meta jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li qed jinxtered dejjem iktar dan il-fenomenu li jista' jippreġudika s-sigurtà fit-toroq. Fejn għandhom x'jaqsmu ċ-ċiklomuturi, jeħtieġ li tintemm il-manipulazzjoni tal-magni ta' dawn il-vetturi mill-utenti żgħażagħ biex iżidu r-rendiment tagħhom tant li — f'ċerti każijiet — isir sproporzjonat meta pparagunat b'mod partikolari mas-sistema ta' brejkijiet, mat-tyres kif ukoll mat-tagħmir tad-dawl u tal-istrumenti li jagħmlu s-sinjal bid-dawl ta' dawn il-vetturi.

60. Barra minn hekk, mill-premessa 11 tad-Direttiva 97/24 jirriżulta li r-rekwiżiti ta' sigurtà u ambjentali jeħtieġu restrizzjonijiet fuq manipulazzjoni ta' ċerti tipi ta' vetturi b'żewġ roti jew bi tlieta, filwaqt li ġie ppreċiżat li, jekk ma jkunux ta' ostakolu għall-manutenzjoni u għaż-żamma tal-vetturi mis-sid, restrizzjonijiet bħal dawn għandhom ikunu limitati b'mod strett għall-manipulazzjoni li timmodifika b'mod sinjifikattiv ir-rendiment tal-vettura u l-emissjonijiet ta' tniġġis u ta' ħoss.

61. Skont l-Artikolu 1(2)(a) tad-Direttiva 2002/24, iċ-ċiklomuturi huma vetturi b'żewġ roti jew vetturi bi tliet roti b'veloċità massima maħsuba ta' mhux iktar minn 45 km/h. Huma kkaratterizzati mill-kapaċità ċilindrika u mis-saħħa li jvarjaw skont in-numru ta' roti.

62. It-tneħħija tal-mekkaniżmu li jirrestrinġi l-veloċità jew is-saħħa tal-magna ta' ċiklomutur tikkonsisti fiż-żieda tar-rendiment tiegħu, u b'mod partikolari s-saħħa tal-magna tiegħu. Issa, l-kapaċitajiet tekniċi ta' bbrejkjar u r-roadholding ta' ċiklomutur ma humiex adattati għal din l-eventwalità, u dan jista' jżid ir-riskji ta' inċident.

63. Ir-rapporti dwar il-problema tal-miżuri kontra l-manipulazzjoni tal-vetturi b'żewġ

19 — Ara COM (1999) 276 finali.

roti jew bi tlieta juru li din il-kwistjoni tiġi ddeterminata minn fatturi soċjali u psikoloġiċi, marbuta mas-sigurtà fit-toroq u mal-ħarsien tal-ambjent [20].

64. Fil-Kapitolu 7 tal-anness tagħha, id-Direttiva 97/24, tirregola l-miżuri kontra l-manipulazzjoni ta' ċiklomuturi u muturi b'żewġ roti. Ir-rekwiżiti ġenerali tal-imsemmi kapitolu jirrigwardaw prinċipalment il-problema tal-bdil ta' partijiet ma partijiet oħra li ma jkunux identiċi bejn vetturi approvati [21].

65. Għandu jiġi enfasizzat li l-Kapitolu 7 tal-anness tad-Direttiva 97/24 jeskludi, f'kull każ, li tista' tinqabeż il-veloċità massima ddisinjata jew is-saħħa netta massima tal-magna għall-kategorija kkunsidrata. Dan jikkonferma li l-approċċ tal-għan industrijali propost iktar 'il fuq dwar id-Direttiva 2002/24 huwa applikabbli wkoll f'dan il-kuntest.

66. Barra minn hekk, minn dan l-istess Kapitolu 7 jirriżulta li r-rekwiżiti speċifiċi previsti fid-Direttiva 97/24 huma obbligatorji meta rekwiżit wieħed jew numru ta' rekwiżiti jitqiesu meħtieġa sabiex ma jħallux manipulazzjoni li tirriżulta f'żieda tal-veloċità jew tas-saħħa tal-vetturi.

67. Skont l-Anness I għad-Direttiva 2002/24 li jistabbilixxi l-lista kompleta ta' rekwiżiti għall-iskop ta' approvazzjoni tat-tip ta' vettura, l-informazzjoni dwar il-miżuri kontra l-manipulazzjoni hija fost id-data li għandha tiġi vverifikata l-konformità tagħha mar-rekwiżiti li jinsabu fil-leġiżlazzjoni Komunitarja. Skont l-Anness II għad-Direttiva 2002/24, għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati li diġà ġew approvati tal-vettura li għad trid tingħata l-approvazzjoni tat-tip, għandha tiġi pprovduta ċerta informazzjoni, inkluża dik dwar il-miżuri kontra l-manipulazzjoni tal-vetturi inkwistjoni.

68. F'livell nazzjonali, il-leġiżlazzjoni maħsuba biex tiġġieled il-manipulazzjoni taċ-ċiklomuturi hija fost numru ta' miżuri maħsuba sabiex jiżguraw is-sigurtà fit-toroq u teżisti f'diversi Stati Membri tal-Unjoni [22]. Fil-fatt, il-prattika tat-tneħħija tal-mekkaniżmu li jirrestriġi l-veloċità jew is-saħħa tal-magna hija kkontrollata jew miġġielda minħabba l-għadd ta' riskji u ta' inkonvenjenti li

20 — "Study on Anti-Tampering Devices relating to Two or Three Wheeled Motor Vehicles", ikkummissjonat mill-Kummissjoni, kuntratt nru FIF 20020691, rapport finali tat-18 ta' Diċembru 2003, p. 31.

21 — Ara, l-punt 2.1.1. tal-Kapitolu 7 tal-anness tad-Direttiva 97/24.

22 — Għal dak li jirrigwarda r-Repubblika Franċiza, pereżempju, ara l-Artikolu L. 321-1 tal-Kodiċi tat-traffiku. Id-dritt Franċiż jipprovdi liċenzja ta' sigurtà fit-toroq sabiex is-sewwieqa żgħażagħ taċ-ċiklomuturi jkunu ppreparati għar-regoli essenzjali tas-sigurtà fil-qasam tat-traffiku fit-toroq, ara F. Colin, "Le brevet de sécurité routière", fid-*Droit Administratif* 2006, Nru 8. Fil-Finlandja, l-ivvjaġġar fit-triq ta' ċiklomutur li tneħħielu l-mekkaniżmu li jirrestriġi l-veloċità jew is-saħħa tal-magna tikkostitwixxi ksur (ara Ajoneuvolaki, Artikolu 96, paragrafu I.5). Barra minn hekk, il-proprjetarju għandu jħallas taxxa miżjuda fuq il-vetturi kif ukoll fuq primjum oġħla tal-assigurazzjoni obbligatorja, bħallikieku kien mutur li ma tantx huwa b'saħħtu (light motorcycle) li ddaħħal fis-servizz mingħajr ma ġie rreġistrat.

tikkawża kemm għas-sewwieq billi tqiegħdlu ħajtu fil-perikolu, meta jivvjaġġa b'veloċitajiet li l-vettura ma hijiex maħluqa għalihom, kif ukoll għall-utenti l-oħra tat-triq.

D — *Fuq il-konsegwenzi ġuridiċi tal-manipulazzjoni ta' vettura*

69. Mil-lat tal-effetti ta' manipulazzjoni, dan jista' jkollu l-effett li jbiddel ċiklomutur f'"nonċiklomutur", jiġifieri f'vettura li ma tikkorrispondix għad-definizzjoni ta' ċiklomutur li tinsab fid-Direttiva 2002/24. Il-manipulazzjoni tista' tirriżulta fit-trasformazzjoni ta' ċiklomutur maħsub għal ivvjaġġar normali fit-triq f'vettura maħsuba għal użu f'kompetizzjoni, fit-toroq jew f'kundizzjonijiet off-road.

70. Fis-sistema tad-Direttiva 2002/24, il-kostruttur jew il-manifattur għandu, skont l-Artikolu 3 ta' din id-direttiva, jissottometti applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip lill-awtorità ta' approvazzjoni ta' Stat Membru biex il-vetturi jkunu jistgħu jiġu koperti minn moviment liberu fil-kuntest tas-suq intern. L-imsemmi artikolu jipprevedi li, applikazzjonijiet għal tip partikolari ta' vettura, sistema, unità teknika separata jew komponent jistgħu jiġu sottomessi lil Stat Membru wieħed biss. Skont l-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2002/24, huwa l-kostruttur li għandu jkun responsabbli għall-fabbrikazzjoni ta' kull vettura jew għall-produzzjoni ta' kull sistema, unità teknika separata jew komponent inkonformità mat-tip approvat [23].

71. Għaldaqstant, vettura ma tistax taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/24 biss għaliex tabilħaqq tissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 1 tal-imsemmija direttiva [24]. Fil-fatt, din id-direttiva għandha l-għan li tistabbilixxi sistema ta' approvazzjoni skont it-tip ta' vettura u ta' rikonoxximent reċiproku, fejn għandha x'taqsam il-konformità tal-vetturi u tal-komponenti tagħhom manifatturati skont ir-rekwiżiti tad-Direttiva 2002/24 u tad-direttivi separati. Il-moviment liberu stabbilit permezz ta' armonizzazzjoni totali huwa applikabbli biss għall-vetturi li l-"għan industrijali" tagħhom, kif ġie ddefinit u ggarantit mill-manifattur jew mill-kostruttur, huwa li jissodisfa r-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni.

72. Konsegwentement, meta ċiklomutur li tneħħilu l-mekkaniżmu li jirrestrinġi l-veloċità jew is-saħħa tal-magna ma

23 — Skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2002/24, kwalunkwe vettura prodotta inkonformità mat-tip li jkun ingħata l-approvazzjoni tat-tip għandu jkollha marka ta' approvazzjoni tat-tip komposta skont is-Sezzjoni 1, is-Sezzjoni 3 u s-Sezzjoni 4 tan-numru ta' approvazzjoni tat-tip, stabbilit fl-Anness V, il-Parti A u kwalunkwe unità teknika separata u kwalunkwe komponent prodotti inkonformità mat-tip li jkun ingħata l-approvazzjoni tat-tip għandhom jinkludu, jekk id-direttiva rilevanti separata tipprovdi hekk, marka ta' approvazzjoni tat-tip li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness V, il-Parti B.

24 — B'hekk, pereżempju, vettura li tissodisfa b'mod sħiħ ir-rekwiżiti tekniċi kollha tad-dritt tal-Unjoni ma tistax tkun koperta mis-sistema tad-Direttiva 2002/24 jekk ma kinitx suġġetta għall-approvazzjoni skont it-tip prevista.

jaqa' fl-ebda waħda mid-definizzjonijiet mogħtija mid-Direttiva 2002/24, dan ikun "nonċiklomutur" u b'hekk ma jiġix kopert mis-sistema maħluqa mid-Direttiva 2002/24, anki jekk jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tagħha. Dan japplika wkoll għall-komponenti jew għall-unitajiet tekniċi tiegħu, ħlief dawk maħsuba biex jintramaw fuq il-vetturi rregolati mid-Direttiva 2002/24.

73. Fejn għandha x'taqsam il-kategorija ta' vetturi maħsuba għal użu f'kompetizzjoni, filwaqt li għandu jiġi rikonoxxut li dawn huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/24, però għandu jiġi osservat li l-kunċett ta'"destinazzjoni" meqjus mill-lat tal-għan industrijali propost jippreżumi li vettura tkun inħolqot mill-kostruttur jew mill-manifattur bħala li tkun adattata biex tipparteċipa f'kompetizzjonijiet.

74. Issa, il-manipulazzjoni ta' ċiklomutur permezz ta' sett ta' għodod sabiex jitneħħa l-mekkaniżmu li jirrestriġi l-veloċità jew is-saħħa tal-magna jwassal għal trasformazzjoni singola, anki jekk il-vettura li jitneħħielha l-mekkaniżmu li jirrestriġi l-veloċità jew is-saħħa tal-magna tkun tista' tabilħaqq tipparteċipa f'kompetizzjonijiet. Konsegwentement, min-naħa waħda, tali vettura ma tkunx tista' tiġi kkunsidrata bħala li tkun"maħsuba għal użu f'kompetizzjoni", peress li l-għan tagħha kien iddefinit b'mod differenti mill-manifattur. Fil-fatt, qabel ma jitneħħielha l-mekkaniżmu li jirrestriġi l-veloċità jew is-saħħa tal-magna, hija ma kinitx maħsuba għal użu f'kompetizzjoni. Min-naħa l-oħra, wara li jitneħħielha l-mekkaniżmu li jirrestriġi l-veloċità jew is-saħħa tal-magna, il-vettura ssir vettura singola li ma tistax tingħata l-approvazzjoni skont it-tip.

75. F'każ li, mil-lat industrijali, is-sett ta' għodod biex jitneħħa l-mekkaniżmu li jirrestriġi l-veloċità jew is-saħħa tal-magna ma jkunx maħsub għal użu doppju [25], għandu jiġi konkluż li sett ta' għodod biex jitneħħa l-mekkaniżmu li jirrestriġi l-veloċità jew is-saħħa tal-magna taċ-ċiklomuturi jkun maħsub jew biex iżid is-saħħa taċ-ċiklomuturi maħsuba għal użu f'kompetizzjoni, jew biex ibiddel liċ-ċiklomuturi f'"nonċiklomuturi". Fi kwalunkwe wieħed minn dawn il-każijiet, b'hekk dan huwa tagħmir li ma huwiex inkluż fis-sistema ta' approvazzjoni skont it-tip u ta' rikonoxximent reċiproku prevista mid-Direttiva 2002/24, peress li dawn it-tipi ta' settijiet ta' għodod biex jitneħħa l-mekkaniżmu li jirrestriġi l-veloċità jew is-saħħa tal-magna ma humiex maħsuba sabiex jintramaw fuq il-vetturi rregolati mid-Direttiva 2002/24.

76. Fl-aħħar nett, peress li d-Direttiva 2002/24 ma tapplikax, fil-prinċipju, għall-vetturi singoli, għaldaqstant sett ta' għodod biex jitneħħa l-mekkaniżmu li jirrestriġi l-veloċità jew is-saħħa tal-magna li jservi sabiex jitbagħbas iċ-ċiklomutur ma jistax jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/24 u ma huwiex kopert mis-sistema ta' rikonoxximent reċiproku stabbilita minnha.

25 — Jekk l-istess sett ta' għodod biex jinteħħa l-mekkaniżmu li jirrestriġi l-veloċità jew is-saħħa tal-magna huwa maħsub għaċ-ċiklomuturi u, pereżempju, għall-muturi li ma tantx huma b'saħħithom (light motorcycles), naturalment huwa jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/24. Madankollu, jidher li d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 7 tal-anness tad-Direttiva 97/24 għandhom l-għan li jevitaw każ bħal dan.

V — Fuq it-tkabbir tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/24

77. Bid-domanda tagħha, il-qorti nazzjonali essenzjalment tixtieq tkun taf jekk huwiex permissibbli li Stat Membru jifrex il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/24, b'mod partikolari, għall-vetturi msemmija fl-Artikolu 1(1)(d) tal-imsemmija direttiva, jiġifieri dawk maħsuba għal użu f'kompetizzjoni, fit-toroq jew f'kundizzjonijiet off-road. B'dan il-mod, il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/24, b'relazzjoni għall-ivvjaġġar fit-triq ikun estiż, għal kull vjaġġ fuq l-art, fejn għandhom x'jaqsmu l-imsemmija vetturi.

78. Ma naħsibx li l-portata tad-domanda hija daqstant ċara. Hija tista' tkun dwar l-applikazzjoni tad-definizzjoni tal-kunċett ta' "ċiklomutur" fis-sens tad-Direttiva 2002/24 u tar-rekwiżiti tekniċi li jirriżultaw minnha għall-vetturi maħsuba għal użu f'kompetizzjoni. Id-domanda tista' anki tkun interpretata fis-sens li l-qorti tar-rinviju qed tistaqsi jekk Stat Membru jistax, b'mod unilaterali, jestendi s-sistema ta' approvazzjoni skont it-tip u tar-rikonoxximent reċiproku maħluqa mid-Direttiva 2002/24 għall-vetturi li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha.

79. Skont il-Kummissjoni, id-Direttiva 2002/24, speċifikatament l-Artikolu 1(1)(d) tagħha, għandha tiġi interpretata fis-sens li hija tippermetti li Stat Membru jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tagħha għall-vetturi maħsuba għal użu f'kompetizzjoni, fit-toroq jew f'kundizzjonijiet off-road.

80. Skont il-fehma tal-Gvern tar-Renju Unit, l-Istati Membri huma awtorizzati jistipulaw rekwiżiti tekniċi fejn għandhom x'jaqsmu l-vetturi elenkati fl-Artikolu 1(1)(a) sa (h), sakemm dawn ir-rekwiżiti josservaw id-dritt Komunitarju, inklużi l-Artikolu 28 KE u dispożizzjonijiet oħrajn li jipproteġu l-moviment liberu tal-merkanzija bħar-Regolament (KE) Nru 764/2008 [26] u d-Direttiva 98/34/KE [27].

81. Fil-fatt, il-limiti għall-effetti legali ta' direttiva jistgħu jieħdu s-sura ta' eċċezzjoni jew ta' deroga. F'dan il-każ, allura ma għandhiex tiġi applikata regola stipulata mid-Direttiva għal każ, anki jekk dan jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija regola.

82. F'dan il-każ, l-istess bħall-Gvern tar-Renju Unit, nikkunsidra li l-Artikolu 1(1)(d) tad-Direttiva 2002/24 ma huwiex eċċezzjoni għar-rekwiżiti tal-imsemmija direttiva.

26 — Regolament (KE) Nru 764/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-9 ta' Lulju 2008, li jistabbilixxi l-proċeduri relatati mal-applikazzjoni ta' ċerti regoli tekniċi nazzjonali għal prodotti legalment kummerċjalizzati fi Stat Membru ieħor u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 3052/95/KE (ĠU L 218, p. 21).

27 — Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ġunju 1998, li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards u tar-Regolamenti Tekniċi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 20, p. 337).

83. Fil-fatt, dan l-artikolu ma jipprevedix li l-Istati Membri għandhom jeżentaw lill-vetturi maħsuba għal użu f'kompetizzjoni u f'kundizzjonijiet off-road mir-rekwiżiti inklużi fid-Direttiva. L-esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva tħalli lill-Istati Membri l-kompetenza biex jilleġiżlaw fil-qasam inkwistjoni, naturalment filwaqt li josservaw ir-regoli tat-Trattat.

84. Id-Direttiva 2002/24 għandha l-għan li tistabbilixxi proċedura ta' approvazzjoni skont it-tip ta' vettura għal vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta, ta' komponenti u ta' unitajiet tekniċi separati prodotti inkonformità mar-rekwiżiti tekniċi stabbiliti f'direttivi separati. Il-konsegwenza ġuridika ta' din il-proċedura hija l-moviment liberu ta' dawn il-prodotti, ibbażat fuq l-obbligu tar-rikonoxximent reċiproku tal-konformità ta' rekwiżiti tekniċi li huma għalkollox armonizzati. Kif jirriżulta mill-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2002/24, huma biss il-vetturi, l-unitajiet tekniċi separati jew il-komponenti li jkunu konformi mal-imsemmija d-direttiva li huma koperti mis-sistema stabbilita minnha.

85. Madankollu, għandu jiġi osservat li f'dan il-każ il-kwistjoni tat-tneħħija tal-mekkaniżmu li jirrestrinġi l-veloċità jew is-saħħa tal-magna taċ-ċiklomuturi tibqa' l-qofol tal-kawża pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju.

86. Kif diġà spjegajt iktar 'il fuq rigward il-ġlieda kontra l-manipulazzjoni taċ-ċiklomuturi, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/24 għandhom jinqraw flimkien mal-Kapitolu 7 tal-anness tad-Direttiva 97/24.

87. Konsegwentement, meta l-vetturi u l-komponenti jaqgħu taħt id-Direttiva 2002/24, ikunu applikabbli d-dispożizzjonijiet fid-Direttiva 97/24 dwar il-miżuri kontra l-manipulazzjoni. Issa, dan ma huwiex il-każ, fil-prinċipju, tal-vetturi maħsuba għal użu f'kompetizzjoni.

88. F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/24 timplika t-tkabbir tal-applikazzjoni tal-proċedura ta' approvazzjoni skont it-tip. Il-kwistjoni tal-estensjoni tal-miżuri kontra l-manipulazzjoni tal-vetturi, li jidher li hija ċentrali għat-tħassib tal-qorti tar-rinviju, hija problema differenti.

89. Madankollu, peress li dan huwa każ fejn il-proċedura ta' approvazzjoni skont it-tip issir applikabbli għall-vetturi maħsuba għal użu f'kompetizzjoni, fit-toroq jew f'kundizzjonijiet off-road, nikkunsidra li l-Istat Membru jista' jaġixxi f'dan is-sens, suġġett li jrid josserva l-għan tad-Direttiva 2002/24.

90. Kif jirriżulta mill-Artikolu 2(7) tad-Direttiva 2002/24, il-proċedura ta' approvazzjoni tat-tip hija proċedura li permezz tagħha Stat Membru jiċċertifika

li tip ta' vettura, sistema, unità teknika separata jew komponent jissodisfaw ir-rekwiżiti tekniċi stabbiliti f'din id-direttiva jew fid-direttivi separati u l-kontrolli dwar il-korrettezza tad-data tal-manifattur, kif previst fil-lista kompleta stabbilita fl-Anness I għall-imsemmija direttiva [28].

91. Barra minn hekk, mill-Artikolu 6 tal-istess direttiva jirriżulta li l-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru għandha tibgħat lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati l-oħra kopja taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni skont it-tip flimkien mal-annessi tiegħu għal kull tip ta' vettura li hija tapprova jew tirrifjuta li tapprova. Skont l-Artikolu 4(6) tal-imsemmija direttiva, jekk Stat Membru jsib li vettura, sistema, unità teknika separata jew komponent huma madankollu riskju serju għas-sigurtà fit-triq, jista' jirrifjuta li jagħti l-approvazzjoni tat-tip. Huwa għandu jinforma minnufih lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'dan.

92. Meta jittieħdu inkunsiderazzjoni r-riskji tal-konfużjoni u tal-inċertezza legali li jirriżultaw mill-applikazzjoni ta' din il-proċedura għal vetturi li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/24, nikkunsidra li l-Istat Membru kkonċernat għandu jindika b'mod ċar, fejn għandu x'jaqsam iċ-ċertifikat, li dan iċ-ċertifikat ma huwiex l-approvazzjoni skont it-tip prevista mill-imsemmija direttiva u li ċ-ċertifikat ma għandux l-effetti legali previsti mid-Direttiva 2002/24. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15(3) tal-imsemmija direttiva jobbligaw lill-Istati Membri biex jevitaw kull konfużjoni li tista' tirriżulta mill-eżenzjonijiet individwali previsti f'dak l-artikolu. L-istess prinċipju għandu japplika għat-tkabbir tal-kamp ta' applikazzjoni tal-approvazzjoni skont it-tip.

93. Fil-fatt, peress li l-miżuri adottati mill-Istat Membru huma koperti mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/24, l-Istat Membru isib ruħu f'sistema ta' interdipendenza li min-naħa waħda hija bbażata fuq il-fiduċja u l-kollaborazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u, mill-oħra, fuq l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti fid-direttivi separati [29].

28 — Skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2002/24, kull Stat Membru għandu jagħti approvazzjoni tat-tip l-għamliet kollha ta' vetturi, sistemi, unitajiet tekniċi separati jew komponenti jekk dawn jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin. Min-naħa waħda, it-tip ta' vettura għandha tissodisfa r-rekwiżiti tekniċi tad-direttivi partikolari u hija deskritta mill-manifattur skont id-data prevista fil-lista kompleta li tidher fl-imsemmi Anness I għad-direttiva. Min-naħa l-oħra, is-sistema (il-brejkijiet, it-tagħmir għall-kontroll ta' emissjonijiet, eċċ…), l-unità teknika separata (tagħmir bħal silencer) jew il-komponent (tagħmir bħal fanal) għandha tissodisfa r-rekwiżiti tekniċi tad-direttiva separata rilevanti u hija kif deskritta mill-manifattur skont id-data prevista fil-lista kompleta li tidher fl-anness għad-Direttiva 2002/24.

29 — Ara, f'dan ir-rigward, fejn għandha x'taqsam id-Direttiva 98/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ġunju 1998, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-makkinarju (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 20, p. 349), is-sentenza tas-17 ta' April 2007 AGM-COS.MET (C-470/03, Ġabra p. I-2749, punti 61 sa 64). Barra minn hekk, fir-rigward tal-marka "E", din tindika li prodott ġie approvat biex jivvjaġġja fit-toroq miftuħa għat-traffiku. Dan l-immarkar huwa segwit minn numru li jindika l-Istat li ta l-approvazzjoni lill-prodott. Il-kisba tal-approvazzjoni ġeneralment tintrabat ma' regola Ewropea speċifika għall-prodott inkwistjoni.

94. B'hekk, il-fatt, li Stat Membru japplika l-proċedura ta' approvazzjoni tat-tip għal għamla ta' vettura eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/24 jidhirli li huwa ġuridikament prevedibbli biss sakemm ikun osservat l-obbligu tat-trasparenza inerenti kemm fil-proċedura ta' approvazzjoni tat-tip kif ukoll fil-prinċipju ġenerali taċ-ċertezza legali. L-Istat Membru b'hekk jista' japplika l-imsemmija direttiva għal sitwazzjonijiet li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha bħal regola nazzjonali, bil-kundizzjoni li ma jagħtix l-impressjoni li l-effetti legali tar-regola nazzjonali inkwistjoni jestendu f'livell tal-Unjoni.

95. Fl-aħħar nett, xejn ma jipprekludi li Stat Membru jispira ruħu mir-regoli stabbiliti fid-Direttiva 2002/24 sabiex jirregola s-sitwazzjoni tal-vetturi u tal-komponenti li huma eskluži mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha, filwaqt li josserva r-regoli tat-Trattat.

VI — Analiżi tal-kontenut tal-leġiżlazzjoni nazzjonali fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni

96. Fir-rigward tal-għan tal-liġi dwar il-kundizzjonijiet tekniċi, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet din id-domanda lill-Gvern Belġjan u lill-Kummissjoni:

"L-Artikolu 1(5) tal-Liġi tal-21 ta' Ġunju 1985 jittrasponi u sa liema punt id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 7 tal-anness għad-Direttiva 97/24 inititolat'Miżuri kontra t-tbagħbis għal mopeds [manipulazzjoni ta' ċiklomuturi] u motoċikli [muturi] ta' żewġ roti', fil-verżjoni tagħha applikabbli għal-fatti tal-kawża prinċipali?".

97. Fir-risposta tiegħu, il-Gvern Belġjan osserva li d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 7 tal-anness għad-Direttiva 97/24 ġew inkorporati fid-Digriet Irjali tat-8 ta' Novembru 1998 [30]. L-Artikolu 1(5) tal-liġi dwar il-kundizzjonijiet tekniċi, min-naħa l-oħra, daħal fis-seħħ qabel, preċiżament fl-1 ta' Lulju 1995. Madankollu, peress li l-portata tal-liġi dwar il-kundizzjonijiet tekniċi hija ferm ikbar, l-Artikolu 1(5) baqa' fis-seħħ.

98. Skont il-Kummissjoni, l-Artikolu 1(5) tal-liġi dwar il-kundizzjonijiet tekniċi ma jistax jiġi kkunsidrat bħala traspożizzjoni tad-Direttiva 97/24.

30 — Digriet li jemenda d-Digriet Irjali, tal-4 ta' Awwissu 1996, dwar l-implementazzjoni tad-direttivi tal-Komunitajiet Ewropej dwar l-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta, tal-komponenti u tal-unitajiet tekniċi kif ukoll tal-aċċessorji tas-sigurtà tagħhom.

99. Fejn għandha x'taqsam ir-relazzjoni bejn id-Direttiva 2002/24 u l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-Gvern Belġjan sostna, b'riferiment għall-Artikolu 15 tad-Direttiva 2002/24, li l-projbizzjoni stipulata fl-Artikolu 1(5) tal-liġi dwar il-kundizzjonijiet tekniċi ġiet stabbilita sabiex tiżgura protezzjoni aħjar tal-utenti. Huwa jissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li l-Artikolu 1(5) tal-liġi dwar il-kundizzjonijiet tekniċi huwa konformi mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/24.

100. Skont dan l-istess gvern, il-vetturi li, wara li jiġu manifatturati, jiġu mgħammra mill-bejjiegħ, mix-xerrej jew mill-utent b'komponenti li għandhom l-għan li jżidu s-saħħa tal-magna u/jew il-veloċità ta' spiss ma jkunux (jew ma jibqgħux) adattati għall-modifikazzjonijiet li jsirulhom, b'tali mod li jkunu potenzjalment ta' periklu għall-utent.

101. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat, l-ewwel nett, li l-Artikolu 1(5) tal-liġi dwar il-kundizzjonijiet tekniċi jipprojbixxi l-manifattura, l-importazzjoni, iż-żamma u l-bejgħ tat-tagħmir kollu li jippermetti li jiżdiedu s-saħħa u/jew il-veloċità taċ-ċiklomuturi, kif ukoll l-offerta ta' servizzi jew l-għoti ta' indikazzjonijiet sabiex jintrama dan it-tagħmir.

102. Jidher li l-għan tal-Artikolu 1(5) tal-liġi dwar il-kundizzjonijiet tekniċi huwa li jipprojbixxi l-modifikazzjoni tan-natura taċ-ċiklomuturi permezz tal-projbizzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni u tal-użu ta' komponenti li jservu għal dan l-użu [31]. Minn dan il-lat, l-għan tal-imsemmija leġiżlazzjoni jikkoinċidi mal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/24.

103. Fil-fatt, tiġi kkunsidrata bħala ċiklomutur biss, fis-sens tad-Direttiva 2002/24, il-vettura li tissodisfa l-kriterji inklużi fl-Artikolu 1(2) tal-imsemmija direttiva.

104. L-istess bħad-Direttiva 2002/24 li, fil-fehma tiegħi, tadotta l-għan industrijali sabiex tkun iddeterminata d-"destinazzjoni" ta' vettura, ta' komponent jew ta' unità teknika, il-leġiżlazzjoni Belġjana donnha tmur fl-istess direzzjoni, billi tipprojbixxi kull tagħmir, sa fejn "għandu l-għan" [32] li jżid is-saħħa jew il-veloċità taċ-ċiklomuturi.

105. Madankollu, għandu jiġi osservat ukoll li l-liġi dwar il-kundizzjonijiet tekniċi tirregola problema ferm ikbar minn dik koperta mid-Direttiva 2002/24. Fil-fatt, l-applikabbiltà tal-imsemmija direttiva hija limitata mir-rekwiżit li l-vettura tkun "maħsuba għall-ivvjaġġar fit-triq". Issa, skont l-indikazzjonijiet kemm tal-qorti tar-rinviju kif ukoll tal-Gvern Belġjan, il-liġi dwar il-kundizzjonijiet tekniċi tirregola

31 — L-aspett relatat ma' projbizzjoni eventwali rigward il-provvista ta' servizzi jew l-għoti ta' indikazzjonijiet dwar it-tneħħija tal-mekkaniżmu li jirrestriġi l-veloċità jew is-saħħa tal-magna ma jidhirlix li huwa kopert mir-rinviju għal deċiżjoni preliminari.

32 — u mhux "għandu l-effett".

l-kundizzjonijiet li għandha tissodisfa kull vettura tat-trasport fuq l-art, billi dan il-kunċett huwa ferm ikbar minn dak tat-trasport bit-triq.

106. It-tieni nett, fejn għandha x'taqsam il-ġlieda kontra l-manipulazzjoni taċ-ċiklomuturi, għandu jiġi osservat li l-Gvern Belġjan spjega li l-miżuri previsti fil-Kapitolu 7 anness mad-Direttiva 97/24 huma doppji. Dan il-Kapitolu 7 jinkludi, minn naħa, ir-rekwiżiti ġenerali dwar il-bdil ta' partijiet ma' partijiet oħra li ma jkunux identiċi bejn vetturi approvati (punti 2.1 sa 2.4) u minn-naħa l-oħra jimponi r-rekwiżiti speċifiċi fuq il-kostrutturi tal-vetturi sabiex jostakolaw il-manipulazzjoni tal-veloċità massima ta' dawn il-vetturi billi jintroduċi numru ta' rekwiżiti ta' kostruzzjoni (punti 3.1 sa 3.10).

107. Issa d-Direttiva 97/24 ma tipprovdix miżuri dwar l-installazzjoni ta' partijiet li għandhom l-għan li jżidu s-saħħa tal-magna jew il-veloċità u li ma jkunux ġejjin mingħand il-kostruttur oriġinali, b'differenza għall-għan li donnha għandha l-liġi dwar il-kundizzjonijiet tekniċi. Barra minn hekk, skont il-Gvern Belġjan, id-Direttiva 97/24 hija parzjalment żejda minħabba l-Artikolu 1(5) tal-imsemmija liġi.

108. Anki jekk it-traspożizzjoni tad-Direttiva 97/24 saret wara l-adozzjoni tal-liġi dwar il-kundizzjonijiet tekniċi, nikkunsidra li l-Artikolu 1(5) ta' din il-liġi donnu jilħaq l-għan stabbilit mill-Kapitolu 7 tal-anness tad-Direttiva 97/24 dwar il-miżuri maħsuba sabiex jillimitaw il-manipulazzjoni taċ-ċiklomuturi, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/24.

109. Għaldaqstant, sa fejn il-kampijiet ta' applikazzjoni rispettivi tal-liġi dwar il-kundizzjonijiet tekniċi u tal-Kapitolu 7 anness mad-Direttiv 97/24 jikkoinċidu wieħed mal-ieħor u jirreferu għall-vetturi li jaqgħu taħt id-Direttiva 2002/24, bħaċ-ċiklomuturi, id-direttivi msemmija iktar 'il fuq ma jipprekludux il-leġiżlazzjoni inkwistjoni.

110. B'hekk, il-projbizzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni ta' tagħmir "li l-għan [tiegħu]" huwa li jżid is-saħħa jew il-veloċità taċ-ċiklomuturi li ma tmurx lil hinn mil-limiti ffissati mill-Kapitolu 7 tal-anness tad-Direttiva 97/24, jiġifieri projbizzjoni ristretta għall-manipulazzjonijiet li jimmodifikaw b'mod sinjifikattiv ir-rendiment tal-vettura u l-emissjonijiet ta' tniġġis u ta' ħoss tagħha, hija kompatibbli ma' din tal-aħħar. Inżid ukoll li l-liġi inkwistjoni ma teżiġix li l-modifikazzjonijiet isiru f'vetturi koperti mill-armonizzazzjoni teknika tal-Unjoni. Anzi, hija tipprojbixxi l-manipulazzjoni intiża li timmodifika l-kostruzzjoni ta' vettura hekk kif inħolqot mill-manifattur. L-imsemmija liġi b'hekk hija konformi mar-rekwiżit stipulat fl-Artikolu 15(4) tad-Direttiva 2002/24,

jiġifieri li l-kundizzjonijiet ta' użu imposti mill-Istati Membri ma jistgħux jimplikaw modifikazzjonijiet fil-vetturi.

111. Madankollu, sa fejn il-projbizzjoni stabbilita mil-liġi dwar il-kundizzjonijiet tekniċi ma taqax, sa ċertu punt, fil-kampijiet ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/24 u tad-Direttiva 97/24, għandhom jingħataw ċerti indikazzjonijiet lill-qorti nazzjonali dwar l-Artikoli 28 KE u 30 KE (li saru l-Artikoli 34 TFUE u 36 TFUE), filwaqt li tiġi kkunsidrata l-problema tal-vetturi maħsuba għal użu f'kompetizzjoni.

112. Fil-fatt, kif sostniet il-Kummissjoni, id-Direttivi inkwistjoni ma jwettqux armonizzazzjoni kompluta fil-qasam tal-vetturi b'żewġ roti jew bi tlieta, peress li dawn ma humiex applikabbli fir-rigward tal-vetturi b'żewġ roti jew bi tlieta kollha, u b'mod partikolari mhux fir-rigward tal-vetturi maħsuba għal użu f'kompetizzjoni.

113. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, fil-kuntest tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 234 KE, ibbażata fuq separazzjoni ċara tal-funzjonijiet bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja, kull evalwazzjoni tal-fatti tal-kawża taqa' fil-ġurisdizzjoni tal-qorti nazzjonali. Madankollu, sabiex tingħata risposta effettiva, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', fi spirtu ta' kooperazzjoni mal-qorti nazzjonali, tagħtiha dawk l-indikazzjonijiet li hija tqis li huma neċessarji [33].

114. Kif diġà ntqal iktar 'il fuq, bla ħsara għall-osservanza tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat, l-Istati Membri għandhom marġni wiesa' ta' diskrezzjoni fejn għandha x'taqsam il-leġiżlazzjoni dwar il-vetturi maħsuba għal użu f'kompetizzjoni, li huma espressament esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/24.

115. Barra minn hekk, naħseb li d-dritt tal-Unjoni jħalli f'idejn l-Istati Membri marġni wiesa' ta' diskrezzjoni biex jiddeterminaw jekk jawtorizzawx jew le u, jekk ikun il-każ, b'liema kundizzjonijiet, l-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet ta' ċiklomuturi u/jew ta' muturi. Huwa magħruf li anki l-kompetizzjonijiet tal-vetturi bil-mutur li jiġu organizzati sa l-inqas dettall jqiegħdu serjament fil-periklu ħajjet u saħħet il-parteċipanti, b'mod partikolari meta dawn il-kompetizzjonijiet jiġu pparagunati ma' kwalunkwe sport ieħor.

116. Il-Gvern tar-Renju Unit jenfasizza, minnaħa tiegħu li, peress li l-vetturi maħsuba għal użu f'kompetizzjoni jew il-vetturi maħsuba għal kundizzjonijiet off-road ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2002/24, ifisser li l-imsemmija direttiva ma timponix li l-Istati Membri għandhom jadottaw xi leġiżlazzjoni f'dan ir-rigward.

33 — Ara, fost l-oħrajn, is-sentenza tal-15 ta' April 2010, Sandström (C-433/05, Ġabra p. I-2885, punt 35).

117. L-Istati Membri, skont il-Gvern tar-Renju Unit, huma awtorizzati li jistipulaw rekwiżiti tekniċi fejn għandhom x'jaqsmu l-vetturi elenkati fl-Artikolu 1(1)(a) sa (h) tad-Direttiva 2002/24, sakemm dawn ir-rekwiżiti josservaw id-dritt tal-Unjoni, inkluż, b'mod partikolari l-Artikolu 28 KE.

118. F'dan il-każ, mill-proċess jirriżulta, qabel xejn, li l-projbizzjoni inkwistjoni għandha n-natura ta' miżura li tista' tiġi applikata bla ebda distinzjoni kemm għall-prodotti nazzjonali kif ukoll għall-prodotti importati minn Stati Membri oħra.

119. Barra minn hekk, ma jistax jiġi kkontestat li billi tipprojbixxi b'mod ġenerali u assolut, fuq it-territorju kollu Belġjan, il-manifattura, l-importazzjoni, iż-żamma, l-offerta għall-bejgħ, il-bejgħ u d-distribuzzjoni ta' tagħmir intiż li jżid is-saħħa tal-magna u/jew il-veloċità taċ-ċiklomuturi, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni tista' tostakola l-moviment liberu tal-merkanzija.

120. Tali projbizzjoni tista', madankollu, tiġi ġġustifikata minn waħda mir-raġunijiet ta' interess ġenerali elenkati fl-Artikolu 30 KE jew minn rekwiżiti imperattivi fis-sens tal-ġurisprudenza. Fiż-żewġ każijiet, il-miżura nazzjonali għandha tkun adegwata sabiex tiggarantixxi li jintlaħaq l-għan mixtieq u ma għandhiex tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dan [34].

121. Jiena tal-opinjoni li t-tneħħija tal-mekkaniżmu li jirrestrinġi l-veloċità jew is-saħħa tal-magna taċ-ċiklomuturi huwa fenomenu li d-dritt sekondarju tal-Unjoni jikkunsidra bħala inkompatibbli mas-sigurtà fit-toroq, mal-protezzjoni tal-utenti kif ukoll mal-ħarsien tal-ambjent. Mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni jirriżulta li t-tagħmir li jservi sabiex jitneħħa l-mekkaniżmu li jirrestrinġi l-veloċità jew is-saħħa tal-magna taċ-ċiklomuturi maħsuba għall-ivvjaġġar fit-triq ma jistax ikun kopert mill-moviment liberu fil-kuntest tas-suq intern. Konsegwentement, l-Istati Membri jistgħu jirrestrinġu t-tqegħid fis-suq, il-bejgħ, id-dħul fis-servizz jew l-użu ta' settijiet ta' għodod biex jitneħħa l-mekkaniżmu li jirrestrinġi l-veloċità jew is-saħħa tal-magna taċ-ċiklomuturi maħsuba għal użu f'kompetizzjoni, jekk l-imsemmija settijiet ta' għodod ikunu teknikament jistgħu jitbiddlu ma' dawk maħsuba għall-ivvjaġġar fit-triq.

122. Fil-każ fejn is-settijiet ta' għodod biex jitneħħa l-mekkaniżmu li jirrestrinġi l-veloċità jew is-saħħa tal-magna ma jissodisfawx l-imsemmija kundizzjoni ta' bdil, u jekk ir-regoli nazzjonali inkwistjoni jkollhom l-effett li jostakolaw lill-utenti tal-komponenti jew tal-unitajiet tekniċi separati milli jużawhom b'mod konformi mad-destinazzjoni tagħhom, jew li jillimitaw ferm l-użu tagħhom, xi ħaġa li għandha tiġi vverifikata mill-qorti

34 — Ara s-sentenza tal-10 ta' Frar 2009, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-110/05, Ġabra p. I-519, punt 59).

tar-rinviju, tali regoli jkollhom l-effett li jostakolaw l-aċċess ta' dawn il-prodotti għas-suq nazzjonali inkwistjoni u jikkostitwixxu, għalhekk, bla ħsara għal ġustifikazzjoni skont l-Artikolu 30 KE jew għal rekwiżiti imperattivi ta' interess ġenerali, miżura b'effett ekwivalenti għal restrizzjonijiet kwantitattivi għall-importazzjoni pprojbita mill-Artikolu 28 KE.

123. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-moviment liberu tal-merkanzija, fejn għandhom x'jaqsmu l-vetturi bil-mutur jew il-komponenti tagħhom fl-Unjoni Ewropea, ma twettaqx bl-applikazzjoni diretta tal-artikoli tat-Trattat, iżda wara proċess twil ta' armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni teknika, fid-dawl tal-ħtieġa li tipproteġi ħajjet u saħħet l-utenti ta' tali prodotti, kif ukoll fid-dawl tas-sigurtà fit-toroq u tal-ambjent. L-istruttura Ewropea f'dan il-qasam hija għaldaqstant ibbażata fuq il-premessa tal-eżistenza ta' ġustifikazzjoni tal-ostakolu għall-kummerċ intra-Komunitarju fuq il-bażi tal-Artikolu 30 KE [35]. Konsegwentement, il-fatturi li ġġustifikaw l-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni sekondarja tal-Unjoni fis-settur tal-vetturi bil-mutur jidhirli li jiġġustifikaw projbizzjoni ġenerali, kif prevista mil-liġi dwar il-kundizzjonijiet tekniċi, anki jekk din tapplika għal sett ta' għodod biex jitneħħa l-mekkaniżmu li jirrestrinġi l-veloċità jew is-saħħa tal-magna taċ-ċiklomuturi allegatament maħsuba għal użu f'kompetizzjoni.

VII — Konklużjoni

124. Nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi hekk kif ġej għad-domanda preliminari magħmula mir-Rechtbank van eerste aanleg te Dendermonde:

"1) Stat Membru jista' japplika d-Direttiva 2002/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Marzu 2002, li għandha x'taqsam mal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill

35 — Ara t-tieni u r-raba' premessi tad-Direttiva 92/61 li issa ġiet irrevokata.

92/61/KEE jew regoli nazzjonali li l-kontenut tagħhom ikun simili, filwaqt li josserva r-regoli tat-Trattat KE, sabiex jirregola l-vetturi u l-komponenti li huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija direttiva, kemm fejn għandha x'taqsam il-proċedura tal-approvazzjoni skont it-tip ta' vettura, kif ukoll fejn għandhom x'jaqsmu r-rekwiżiti tekniċi applikabbli għall-vetturi maħsuba għall-ivvjaġġar off-road u dawk maħsuba għal użu f'kompetizzjoni fit-toroq jew f'kundizzjonijiet off-road, suġġett li jiġi osservat l-obbligu tat-trasparenza inerenti kemm tal-proċedura tal-approvazzjoni skont it-tip kif ukoll tal-prinċipju ġenerali taċ-ċertezza legali.

2) Sa fejn liġi nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tmur lil hinn mil-livell ta' miżuri kontra l-manipulazzjoni taċ-ċiklomuturi previst mid-Direttiva 97/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-17 ta' Ġunju 1997, dwar ċerti komponenti u karatteristiċi ta' vetturi ta' żewġ jew tliet roti b'mutur, hija taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 28 KE u 30 KE. Hija tikkostitwixxi restrizzjoni ġġustifikata fid-dawl tal-imsemmija artikoli anki jekk hija tiġi applikata fir-rigward ta' tagħmir intiż li jżid is-saħħa tal-magna u/jew il-veloċità taċ-ċiklomuturi maħsuba għal użu f'kompetizzjoni fit-toroq jew f'kundizzjonijiet off-road."